

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (Spanja)
fit-3 ta' Marzu 2022 – IK vs Agencia Madrileña de Atención Social de la Comunidad de Madrid**

(Kawża C-159/22)

(2022/C 359/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IK

Konvenut: Agencia Madrileña de Atención Social de la Comunidad de Madrid

Domandi preliminari

- A) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi biss kumpens b'rata fissa u oġġettiv (ta' 20 jum ta' salarju għal kull sena xogħol, bil-limitu ta' sena salarju), iżda ma tipprevedi ebda kumpens addizzjonali li jippermetti l-kumpens sħiħ għad-dannu mġarrab fil-każ li dan l-ammont jinqabeż, tista' titqies bħala li tinkludi miżuri dissważivi biżżejjed għall-użu ta' kuntratti jew tat-tiġdid ta' kuntratti temporanji suċċessivi bi ksur tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, konformi mar-rekwiżiti dwar il-kumpens għad-dannu mġarrab mill-ħaddiem permezz tar-*restitutio in integrum*, stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tas-7 ta' Marzu 2018, Santoro (C-494/16) ⁽¹⁾ u tat-8 ta' Mejju 2019, Rossato u Conservatorio di Musica F.A. Bonporti (C-494/17) ⁽²⁾?
- B) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi biss kumpens dovut max-xoljiment tal-kuntratt minħabba li timtela l-pożizzjoni, iżda ma tipprevedi ebda kumpens meta l-kuntratt huwa fis-seħħ, bħala alternattiva għal li jiġi ddikjarat bħala għal żmien indeterminat, tista' titqies bħala li tinkludi miżuri dissważivi biżżejjed għall-użu ta' kuntratti jew tat-tiġdid ta' kuntratti temporanji suċċessivi bi ksur tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, konformi mar-rekwiżiti dwar il-kumpens għad-dannu mġarrab mill-ħaddiem stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tas-7 ta' Marzu 2018, Santoro (C-494/16) u tat-8 ta' Mejju 2019, Rossato u Conservatorio di Musica F.A. Bonporti (C-494/17)? Meta tilwima tirrigwarda biss il-permanenza tal-ħaddiem iżda l-kuntratt ma jkunx ġie xolt, hemm lok li jingħata kumpens għad-dannu kkawżat mit-temporanjetà, bħala alternattiva għad-dikjarazzjoni ta' permanenza?
- C) Leġiżlazzjoni nazzjonali tista' titqies bħala li tinkludi miżuri dissważivi biżżejjed, fil-konfront tal-amministrazzjoni pubbliċi u entitajiet tas-settur pubbliku, għall-użu ta' kuntratti jew ta' tiġdid ta' kuntratti temporanji suċċessivi bi ksur tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, intiżi sabiex jiġi evitat u ssanzjonat l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat min-naħa tal-entità li timpjega fil-konfront ta' ħaddiema oħra u fil-futur, konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha tas-7 ta' Marzu 2018, Santoro (C-494/16) u tat-8 ta' Mejju 2019, Rossato u Conservatorio di Musica F.A. Bonporti (C-494/17), meta dawn il-miżuri huma dispożizzjonijiet legali introdotti mill-2017 (disposición adicional 34.^a de la Ley 3/2017, de 27 de junio, de Presupuestos Generales del Estado para el año 2017 (id-dispożizzjoni addizzjonali Nru 34 tal-Liġi 3/2017 tas-27 ta' Ġunju 2017 dwar il-baġit ġenerali tal-Istat għall-2017) u d-disposición adicional 43.^a de la Ley 6/2018, de 3 de julio, de Presupuestos Generales del Estado para el año 2018 (il-Liġi 6/2018 tat-3 ta' Lulju 2018 dwar il-baġit ġenerali tal-Istat għall-2018)) li jipprevedu li l-“atti irregolari” jagħtu lok għal responsabbiltà, iżda jidentifikaw din ir-responsabbiltà biss permezz ta' riferiment ġeneriku għal leġiżlazzjoni li ma tispeċifikahomx, u mingħajr l-eżistenza ta' xi każ speċifiku ta' rekwiżit ta' responsabbiltà, fil-kuntest ta' eluf ta' deċiżjonijiet li jiddikjaraw li ħaddiema għandhom kuntratti għal żmien indeterminat mhux permanenti minħabba ksur tad-dispożizzjonijiet dwar kuntratti temporanji?
- D) Fil-każ li jitqies li ma jeżistux mezzi dissważivi biżżejjed fil-leġiżlazzjoni Spanjola, il-konsegwenza tal-ksur tal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP ⁽³⁾ minn persuna pubblika li timpjega għandha tkun li l-kuntratt jitqies bħala kuntratt mhux permanenti għal żmien indeterminat jew il-ħaddiem għandu jiġi rrikonoxxut bħala permanenti totalment, mingħajr kwalifiki?

- E) Il-konverżjoni tal-kuntratt f'kuntratt permanenti, skont il-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70 u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpretaha, għandha ssir, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjon, anki jekk din titqies kuntrarja għall-Artikoli 23(2) u 103(3) tal-Kostituzzjoni Spanjola, jekk dawn ir-regoli kostituzzjonali jiġu interpretati fis-sens li jimponu li kandidat jista' jaċċedi għal kwalunkwe impjieg fis-servizz pubbliku, inkluż fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol, biss wara li jkun ipparteċipa b'suċċess fi proċedura kompetittiva ta' selezzjoni li fiha japplikaw il-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' mertu, ta' kompetenza u ta' pubbliċità? Peress li interpretazzjoni oħra hija possibbli, li hija dik segwita mit-Tribunal Constitucional ((il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja)), il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi għandu jiġi applikat għar-regoli kostituzzjonali tal-Istat, b'mod li jkun obligatorju li tintgħażel l-interpretazzjoni li tagħmilhom kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ filwaqt li huwa mifhum li l-Artikoli 23(2) u 103(3) tal-Kostituzzjoni ma jeħtiġux l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' mertu u ta' kompetenza għall-proċeduri ta' għażla tal-membri tal-persunal?
- F) Il-konverżjoni tal-kuntratt f'kuntratt permanenti skont il-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70 u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpretaha, tista' ma tiġix applikata jekk, qabel din il-konverżjoni tiġi ddekretata ġudizzjarjament, jiġi stabbilit proċess ta' konsolidazzjoni jew ta' stabilizzazzjoni tal-impjieg temporanju permezz ta' liġi, li għandu jiġi żviluppat fis-sens li ġejjin, u li jinvolvi t-tneidja ta' sejħiet pubbliċi sabiex il-pożizzjoni okkupata mill-ħaddiem timentela, fid-dawl tal-fatt li f'din il-proċedura għandha tiġi żgurata "l-osservanza tal-prinċipji ta' kompetizzjoni ħielsa, ta' ugwaljanza, ta' mertu, ta' kompetenza u ta' pubbliċità" u għalhekk il-ħaddiem li kien is-suġġett tal-użu suċċessiv ta' kuntratti jew ta' tiġdid ta' kuntratti temporanji jista' għalhekk jagħmel il-pożizzjoni tiegħu permanenti, imma wkoll ma jagħmilx dan jekk din tingħata lil persuna oħra, f'liema każ il-kuntratt tiegħu jiġi xolt flimkien ma' kumpens li jikkorrispondi għal 20 jum salarju għal kull sena xogħol sal-limitu ta' sena salarju?

(¹) EU:C:2018:166.

(²) EU:C:2019:387.

(³) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-11 ta' Mejju 2022 – Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) vs College voor de toelating van gewasbeschermingsmiddelen en biociden, parti oħra fil-proċedura: Dow AgroScience BV (Dow)

(Kawża C-308/22)

(2022/C 359/21)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

College van Beroep voor het bedrijfsleven

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Pesticide Action Network Europe (PAN Europe)

Konvenut: College voor de toelating van gewasbeschermingsmiddelen en biociden

Parti oħra fil-proċedura: Dow AgroScience BV (Dow)

Domandi preliminari

- 1) L-Istat Membru kkonċernat, li jieħu deċiżjoni li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti skont l-Artikolu 36(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (¹) għandu marġni ta' diskrezzjoni sabiex ma jhux inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni tal-Istat Membru relatur għaż-żona li abbażi tal-Artikolu 36(1) tal-istess regolament ikun eżamina l-applikazzjoni, u, fl-affermattiv, liema hija din il-marġni?